MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 324/2002/1

**Mark Micallef**

**vs**

**Joseph Ghiller**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-22 ta` Marzu, 2002, li in forza taghha wara li ppremetta:

Fil-31 ta` Lulju, 2000 ghall-habta tad-disgha u nofs ta` bil-lejl (9.30pm) il-konvenut, waqt li kien qed isuq il-vettura tat-tip Bedford bin-numru tar-registrazzjoni FAA 305 fi Triq San Anard, Tarxien, ikkawza incident awtomobilistiku mal-mutur Peterson bin-numru tar-registrazzjoni FAD 772 proprjeta` ta` l-attur;

Fl-incident imsemmi l-attur sofra danni, inkluz korriment, debilita` u inkapacita` permanenti, kif ukoll danni fil-mutur tieghu;

L-attur ghamel hafna spejjez u tilef hafna qliegh per konsegwenza ta` l-incident imsemmi;

L-imsemmi incident sehh unikament tort u htija, b`negligenza, traskuragni, imperizja, u nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

Il-konvenut gie interpellat ghal diversi drabi sabiex jghaddi ghall-likwidazzjoni u hlas ta` danni kawzati minnu, izda baqa` inadempjenti;

Talab lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara li ghall-incident awtomobilistiku *de quo* li sehh fi Triq San Anard, Tarxien fil-31 ta` Lulju, 2000 ghall-habta tad-disgha u nofs ta` bil-lejl (9.30pm), bejn il-vettura tat-tip Bedford bin-numru tar-registrazzjoni FAA 305 misjuqa mill-konvenut u l-mutur tal-marka Peterson bin-numru tar-registrazzjoni FAD 772 proprjeta` tal-attur huwa responsabbli biss l-istess konvenut;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta` periti nominandi, d-danni sofferti mill-attur rizultat ta` l-incident awtomobilistiku fuq deskritt;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur d-danni hekk likwidati.

Bir-riserva ta` kull azzjoni fil-ligi; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali tas-27 ta` Settembru, 2000 u tal-4 ta` Jannar, 2002 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet li in forza taghha l-konvenut ecepixxa illi:

1. L-ewwel talba tal-attur ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku de quo ma garax b`tort tal-eccipjent izda gara unikament bi htija tal-attur innifsu.

2. It-tielet talba tal-attur ghandha tkun michuda billi ma hemmx danni x`jigu likwidati favur tieghu.

3. Isegwu li anke t-tielet talba tal-attur ghandha tkun rigettata stante li l-eccipjent m`ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-5 ta` Lulju, 2002, li in forza tieghu inhatar bhala perit mediku Mr. Anthony Bernard sabiex jezamina lill-attur u jirrelata dwar il-grad tad-dizabilita` permanenti li jista` jkollu l-attur;

Rat ir-rapport ipprezentat u mahluf mill-perit mediku fl-24 ta` Jannar, 2006;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-kawza in kwistjoni tikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh fil-31 ta` Lulju, 2000, ghal-habta tad-9.30 ta` fil-ghaxija, fi Triq San Anard, Tarxien. It-triq in kwistjoni hi dik li mit-triq tal-Barrani tghaddi minn hdejn il-fabbriki tal-lokal u tibqa sejra lejn Haz-Zabbar. L-attur kien spicca mix-xoghol u kien qed isuq il-mutur tieghu sejjer lejn id-dar; bhala *pillion rider* fuq l-istess mutur, l-attur kellu

riekba lill-ex gharusa tieghu. Meta wasal fi triq in kwistjoni, il-mutur tal-attur waqaflu, u l-attur kiser lejn ix-xellug tieghu u, kif kien ghaddej bil-free, waqqaf il-mutur mal-genb. Hu qal lill-gharusa tieghu tinzel minn fuq il-mutur, u l-attur ipprova jerga jqabbad il-mutur bi *"kick start"*, jigifieri, billi jitla` bil-wieqfa fuq il-pedala, u jaghtiha skoss l-isfel biex jipprova jerga jqabbad il-mutur. Waqt li kien qed jaghmel din il-procedura, giet minn warajh vettura van tat-tip Bedford misjuq mill-konvenut, li laqatulu l-mutur u tajjar il-mutur minn taht saqajn l-attur. L-attur, mad-daqqa, tkaxkar mal-art u ghal ftit hin intilef minn sensieh. Hu ittiehed l-isptar ghal-kura. L-attur jghid li ghadu jsofri l-effetti tad-daqqa, tant li qed jallega dizabilita` permanenti.

L-attur spjega wkoll li hu waqqaf il-mutur hdejn l-istabiliment maghruf bhala *"Car Classics"*, quddiem liema hanut hemm qiesha dahla fejn l-attur dahal biex jipprova jerga jistartja l-mutur.

Il-konvenut jghid li hu kien qed isuq fl-istess triq sejjer fl-istess direzzjoni tal-attur. F`hin minnhom, karozza li kienet gejja minn warajh riedet taghmel manuvra ta` overtaking, u hu hallieha taqbzu billi ressaq aktar lejn il-genb tat-triq. Meta resaq lejn il-genb tat-triq, habat u laqat il-mutur tal-attur. Lill-attur hu ma kienx rah qabel il-habta.

Mic-cirkustanzi jidher li l-incident sehh meta l-konvenut baqa` diehel fil-mutur tal-attur li, ghal xi raguni jew ohra, kienet wieqfa fit-triq. Minghajr, f`dan l-istadju, ma din il-Qorti sejra tqies fejn il-mutur kien wieqaf, kif intqal min din il-Qorti fil-kawza "Crisp vs Zahra", deciza fit-30 ta` Mejju, 2002, *"meta karozza tispicca tahbat ma` karozza pparkjata dan ikun kaz ta` "res ipsa loquitur" fejn huwa allura l-oneru tal-konvenut li permezz tal-provi minnu migjuba jipprova jiggustifika l-azzjoni tieghu"*. Fil-kawza "Lloyds (Malta) Ltd vs Borg", deciza wkoll minn din il-Qorti fil-31 ta` Mejju, 2000, gie kwotat l-awtur Gibb (*"Motor Claims Cases"* pag. 90) li jamplifika li:

*"When a stationery car is struck by a moving one, the driver of the moving car is usually liable, and the burden*

*of proof resting on the plaintiff will in such a cash not be difficult to discharge”*.

Intqal fil-kawza “Mallia vs Azzopardi”, deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Frar, 1990;

*“fil-kollizjonijiet dak li huwa importanti biex tigi stabbilita r-responsabilita` ghad-danni huma l-fatturi rilevanti u determinanti ghall-habta u mhux id-diversi mperfezzjonijiet fir-regolamentazzjoni tas-sewqan da parti tas-sewwieqa li ma jkollhom ebda incidenza fuq id-determinazzjoni tal-htija”*.

Fil-fatt, din l-istess Qorti fil-kawza “Thake noe vs Newell”, deciza fil-5 ta` Ottubru, 1994, kienet osservat li l-fatt biss li vettura tkun ipparkjata hazin, ma jirrendix lis-sid dik il-karozza hati tal-habta, ghax hu d-driver li jkun qed isuq illi ghandu l-obbligu li jzomm *“a proper look out”*, li jara dak li hu *“in plain view”*, u li jkollu l-vettura dejjem taht kontroll shih b`mod li jkun jista` jiehu tempestivament *“evasive action”* biex jevadi kull ostakolu li jipprezenta ruhu quddiemu. Kwindi, anke f`dan il-kaz, mhux daqshekk importanti fejn kien wieqaf l-attur, izda jekk il-konvenut setax jevita l-habta.

Trattandosi tal-fatt li l-konvenut kien gej minn wara, kien obbligu tal-konvenut li jevita l-habta. Fil-kawza “Attard vs Borg”, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta` Marzu, 1985, irrizulta li l-karozza tal-konvenut baqghet diehla fuq wara tal-karozza misjuqa mill-attur waqt li din kienet qed tislowja biex tikser ghal fuq il-lemin. Il-Qorti accettat il-principju li kien id-dover tad-driver ta` wara li jiehu hsieb jevita l-kollizzjoni. Il-Qorti ghamlet riferenza ghal-awtur Charlesworth, fil-ktieb *“On Negligence”* li jikwota l-kaz “Jungnikel vs Laing”, tal-1966, fis-sens li *“a driver who intends to slow down, albeit suddenly, is under no duty to givey any warning of his intention, it being the duty of those following behind to keep clear”*.

Dan il-principju kien gie segwit minn din il-Qorti fil-kawza “Borg vs Sultana”, deciza fit-8 ta` Marzu, 1985, fejn gie ribadit li meta vettura tidhol f`vettura li tkun fuq quddiem il-

principju hu li r-responsabilita` ghandha tinxtehed fuq il-karozza ta` wara u dana peress illi ma rnexxilux jieqaf biex jevita l-incident, jew l-ispeed tieghu kien aktar minn dak regolamentari, jew ma kienx qed izomm id-distanza mehtiega mill-karozza ta` quddiemu, jew ma kienx attent bizzejjed ghal dak li kien qed jigri quddiemu fit-triq.

Hekk ukoll, din il-Qorti, fil-kawza "Cassar vs Muscat", deciza fis-7 ta` Lulju, 1989, qalet li kollizzjoni li tigri ghaliex vettura investiet il-vettura ta` quddiema ghaliex din *"waqfet"*, *"timplika dejjem presunzjoni ta` tort tas-sewwiq tal-vettura ta` wara li ghandu dejjem jikkalkula spazju sufficcjenti biex fih ikun jista jieqaf, jekk ikollu bzonn, minghajr ma jolqot lil ta` quddiemu"*

Issir riferenza wkoll ghal kawza "Middle Sea Insurance Co. Ltd vs Debono et", deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 ta` Ottubru, 2000, "Cassar vs Galea", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Gunju, 2002, u "Zahra vs Pace", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Ottubru, 2002, fejn il-principji aktar qabel enuncjati gew ribaditi u segwiti.

F`dan il-kaz, jirrizulta li l-attur waqaf il-mutur tieghu u resaq lejn il-genb tat-triq. Dan jirrizulta mhux biss mix-xhieda tal-attur, izda wkoll mill-fatt li l-konvenut ma laqatx lill-mutur bil-quddiem tal-van tieghu, izda bil-genb xellugi tal-van, partikolarment bil-mera. Kif qal il-konvenut lis-Surgent li investiga l-kaz (u l-Qorti m`ghandhiex ghalfejn ma taghtix kredibilita` u affidabilita` lil din ix-xhieda), qabel l-incident, hu induna li kienet qed tissorpassah vettura ohra. Bil-hsieb tal-konvenut komplettament fuq din il-vettura li kienet qed tipprova taqbzu, huwa kiser lejn ix-xellug tieghu, minghajr ma qies x`kien qed jigri quddiemu. Kieku l-konvenut kien attent fuq dak li kien qed jigri quddiemu, kien jinduna b`dak li gralu l-attur u jibqa ghaddej ghad-dritt minghajr ma jazzarda jersaq aktar vicin ix-xellug estremm tat-triq. L-attenzjoni ta` sewwieq ghandu dejjm ikun fuq dak li qed jigri quddiemu, u ghandu jsuq fil-limiti tad-distanza mehtiega biex hu jkun jista` jieqaf u jevita kull ostakolu li jipprezenta ruhu quddiema. Jekk l-area fejn sehh l-incident kien pjuttost mudlam, il-konvenut kellu doveri akbar li jsuq bid-dilegenza u

b`attenzjoni kbira fuq dak li jirrizulta quddiemu. Il-konvenut, f`dak il-kaz, kien aktar mohhu fuq x`kienet qed tipprova taghmel il-vettura ta` warajh, u minghajr ma qies x`kienet il-pozizzjoni tat-triq fuq il-xellug tieghu, u cioe`, jekk kienetx tipprospetta via libera, huwa qabad u kiser lejn dik in-naha u spicca li laqat il-mutur tal-attur li tajritu b`kollox. L-entita` tal-hsarat fuq il-mutur tal-attur (tant li giet dikjarata *total loss*), jindika li l-ispeed tal-konvenut ma kienx wiehed meqjus. Id-daqqa fuq il-mutur kienet wahda kbira u b`sahhita, u dan jindika li l-konvenut kien ghaddej b`certu sahha, u l-kisra tieghu lejn ix-xellug kienet wkoll wahda goffa. Dan kollu jidher li l-incident sehh ghax il-konvenut ma kienx attent ghal dak li kien qed jigri quddiemu u ma kellux kontroll shih tal-vettura tieghu b`mod li jkun jista` jiehu tempestivament *"evasive action"* biex jevadi kull ostakolu li jippresenta ruhu quddiem. L-attur ma kienx wieqaf wara xi kantuniera jew f`xi post *"mohbi"* li l-konvenut, kieku kien diligenti, ma kienx jinduna bih. It-triq fejn sehh l-incident hija pjuttost triq twila u dritta, u b`attenzjoni fuq dak li kien qed isehh quddiemu, il-konvenut kien jevita ghal kollox l-incident, u dan mhux billi jaghmel xi manuvra specjali, izda billi jsuq ghad-dritt fi triqtu.

Il-fatt li l-attur ma kellux licenzja biex isuq mutur, jista jkollha konsegwenzi kriminali, pero`, *in civilibus* irid jigi stabbilit il-kawza tal-incident, u jekk il-kontravenzjoni ma jkollix effett fuq id-dinaminaka tal-incident (kif, fl-opinjoni tal-Qorti, ma kellhiex f`dak il-kaz) l-istess ma titqis li kkontribwiet ghall-incident in ezami (ara, bhala rifless fuq dan il-kawza "Glass et vs Grima", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta` Ottubru, 2005).

Kwindi l-Qorti tqies li l-konvenut ghandu jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Ghar-rigward tad-danni, l-attur qed jirreklama kemm kumpens ghall-hsara li garrab fil-mutur, kif ukoll ghad-danni personali li baqa` jsofri b`konsegwenza tal-incident. Dwar il-mutur, jirrizulta li dan gie dikjarat *total loss*, pero`, l-attur, ghalkemm indika li kien sejjer jipproduci kopja tas-*survey* li sar fuq l-istess mutur (ara l-verbal tal-attur redatt

fl-udjenza tat-2 ta` Dicembru, 2004), baqa` ma ressaq ebda prova dwar il-*pre-accident value* tal-mutur, u din il-Qorti, allura, ma tistax tillikwida kumpens ghad-dannu li allegatament sehh fil-mutur.

Fil-kuntest tad-danni *lucrum cessans*, il-Qorti tinnota li, mill-provi, jirrizulta li l-atur kellu 21 sena meta sehh l-incident, u kellu dhul ta` Lm70 fil-gimgha.  Kif intqal fil-kawza "Baldacchino Kerr vs Psaila", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` April, 2005, fid-determinazzjoni tal-kumpens,

*"ghandu jkun hemm certa elasticita` ta` kriterju ghaliex is-sentenza tkun bazata fuq probabilita` u d-danneggjat jkun qed jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b`sentenza mhix aktar soggetta ghall-revizzjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista` jkun mar-realta'".*

Fil-kawza "Vassallo vs Pace", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta` Marzu, 1986, intqal ili:

*"In-numru ta` snin adottat bhala multiplier m`ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni ic-chances and changes tal-hajja"*.

Is-sistema tal-multiplier ma jaccettax li ghandu jittiehed konsiderazzjoni li kull min hu b`sahhtu hu mistenni li jibqa jahdem sa 61 sena jew sad-data tal-pensjoni, izda tirrikjedi li jittiehed kont ta` l-eta` tal-vittma u fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja futura (ara "Caruana vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta` Frar, 2004).  Mehud kont ta` dan, il-Qorti sejra tadotta multiplier ta` 30.

Dwar id-dhul tal-attur, din, fid-data tal-incident kienet ta` Lm70 fil-gimgha.  Ma giex muri lill-Qorti xi possibilitajiet kellu biex javvanza fil-karriera tieghu, u lanqas x`livell ta` edukazzjoni ghandu u x`kienu l-prospetti tieghu.  Hu fatt, min naha l-ohra, li l-pagi tal-haddiema jizdiedu b`mod

regolari, u lanqas ma jista` jigi eskluz li, b`impenn fuq ix-xoghol u b`esperjenza, l-attur seta` ikun intitolat ghal-ziedet fil-paga tieghu. Din il-Qorti, ghalhekk, tara li jekk tadotta dhul annwali ta` Lm5,000 tkun gusta mal-partijiet, specjalment fid-dawl tal-hajja lavorattiva pjuttost twila li giet mehuda bhala l-bazi tal-multiplier.

Fil-kuntest tad-dizabilita` tal-attur fil-waqt li hemm varjazzjoni kbira bejn il-gradi ta` dizabilita` stabbiliti mit-tobba ex parte mahtura mal-partijiet (12% skond it-tabib tal-attur, u xejn skond il-mediku nominat mis-socjeta` ta` assikurazzjoni tal-konvenut), il-perit mediku mahtur mill-Qorti, irrelata li l-attur ghadu jbati min 6% grad ta` dizabilita`. Din il-Qorti taqbel mal-percentagg indikat mill-perit mediku mahtur minnha, u x-xhieda tieghu in eskussjoni kompliet tafferma l-konvinciment ta` din il-Qorti dwar din ir-rata ta` dizabilita`. L-attur sofra griehi kompatibbli ma *“a high velocity impact”* (a differenza minn griehi wara waqa’) u sofra mhux biss ksur fl-ghadam (li, wara intervent kirurgiku, gewwa maquda *“satisfactorily”*), izda hsara fis-soft tissue li l-effett taghha huwa per durata. L-attur, fil-fatt, ikkonferma li ghadu jhoss l-effetti tal-griehi li garrab, u li dan qed jaffettwalu l-prospetti ta` impieg futur.

Ghalhekk, il-kumpens dovut ghandu jigi kkalkolat hekk:

Lm5,000 x 30 x 6%=Lm9,000

Peress li l-attur sejjer jiehu s-somma f`daqqa, ghandha issir deduzzjoni bhala counter-effect ghal dan; dan it-tnaqqis hu maghrufa bhala lump-sum deduction. Bhala regola, isir tnaqqis ta` 20%, pero`, meta jkun hemm trapass twil bejn id-data tal-incident u d-data tad-decizjoni tal-Qorti, il-percentagg ta` tnaqqis ghandu jigi modifikat (ara <u>“Baldacchino vs Harborne”</u>, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta` Novembru, 2005). F`dan il-kaz, l-incident sehh fl-2000, jigifieri sitt snin ilu, u allura l-lump sum deduction ghandha tkun ta` 12%.

B`hekk il-kumpens dovut huwa ta` Lm7,920.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-talbiet tal-attur, u tikkundanna lill-konvenut ihallas, in linea ta` danni, is-somma ta` Lm7,920 (seba` t`elef, disa` mija u ghoxrin liri Maltin), bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------